22003A1231(04)

L 345/119 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 31.12.2003

# FTEHIM FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI

## bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk rigward miżuri ta' liberalizzazzjoni reċiproka u l-bdil ta' protokolli agrikoli mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-KE u l-Marokk

A. *Ittra mill-Komunità Ewropea*

Brussel, …

Sinjur,

Għandi l-unur li nirreferi għan-negozjati li seħħew skond l-Artikolu 16 tal-Ftehim Ewro-Mediterran li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-banda waħda, u r-Renju tal-Marokk, mill-banda l-oħra fis-seħħ mill-1 ta' Marzu 2000, u li jiddikjara li l-Komunità u l-Marokk se jimplimentaw gradwalment aktar liberalizzazzjoni tal-kummerċ reċiproku tagħhom fi prodotti agrikoli.

In-negozjati għal dak il-għan inżammu bi qbil ma' l-Artikolu 18(1) tal-Ftehim Ewro-Mediterran, li jipprovdi li mill-1 ta' Jannar 2000 il-Komunità u l-Marokk se jistmaw is-sitwazzjoni bil-ħsieb li jistabbilixxu l-miżuri ta' liberalizzazzjoni li jridu jiġu applikati mill-partijiet b'effett mill-1 ta' Jannar 2001.

Mal-konklużjoni tan-negozjati iż-żewġ Partijiet ftehmu dwar dan li ġej:

1. Protokolli 1 u 3 mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandhom jiġu mibdula bil-protokolli annessi li ġejjin.

2. Fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 18 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, id-dati "1 ta' Jannar 2000" u "1 ta' Jannar 2001" għandhom jinbidlu b' "1 ta' Jannar 2007" u "1 ta' Jannar 2008".

3. Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità u r-Renju tal-Marokk anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li għandu x'jaqsam ma' l-Artikolu 1 ta' Protokoll 1 u li jirrigwardja importi fil-Komunità ta' fjuri friski maqtugħa u blanzuni tal-fjuri li jidħlu fis-sottointestatura 0603 10 tat-tariffa Komuni tad-dwana huwa hawnhekk imħassar.

4. Dan il-Ftehim għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2004, minbarra l-Artikoli 2, 4 u 5 ta' Protokoll 1, li għandhom japplikaw għat-tadam mill-1 ta' Ottubru 2003.

Inkun obbligat jekk inti tikkonferma li l-Gvern tiegħek huwa fi ftehim mal-kontenuti ta' din l-ittra.

Jekk jogħġbok aċċetta, Sinjur, iċ-ċertezza tal-konsiderazzjoni l-aktar għolja tiegħi.

*Għan-nom tal-Kunsill tal-Komunità Ewropea*

B. *Ittra mill-Marokk*

Rabat, …

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data ta' llum li tinqara kif ġej:

"Għandi l-unur li nirreferi għan-negozjati li seħħew skond l-Artikolu 16 tal-Ftehim Ewro-Mediterran li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-banda waħda, u r-Renju tal-Marokk, mill-banda l-oħra fis-seħħ mill-1 ta' Marzu 2000, u li jiddikjara li l-Komunità u l-Marokk se jimplimentaw gradwalment aktar liberalizzazzjoni tal-kummerċ reċiproku tagħhom fi prodotti agrikoli.

In-negozjati għal dak il-għan inżammu bi qbil ma' l-Artikolu 18(1) tal-Ftehim Ewro-Mediterran, li jipprovdi li mill-1 ta' Jannar 2000 il-Komunità u l-Marokk se jistmaw is-sitwazzjoni bil-ħsieb li jistabbilixxu l-miżuri ta' liberalizzazzjoni li jridu jiġu applikati mill-partijiet b'effett mill-1 ta' Jannar 2001.

Mal-konklużjoni tan-negozjati iż-żewġ Partijiet ftehmu dwar dan li ġej:

1. Protokolli 1 u 3 mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandhom jiġu mibdula bil-protokolli annessi li ġejjin.

2. Fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 18 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, id-dati '1 ta' Jannar 2000' u '1 ta' Jannar 2001' għandhom jinbidlu b' '1 ta' Jannar 2007' u '1 ta' Jannar 2008'.

3. Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità u r-Renju tal-Marokk anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li għandu x'jaqsam ma' l-Artikolu 1 ta' Protokoll 1 u li jirrigwardja importi fil-Komunità ta' fjuri friski maqtugħa u blanzuni tal-fjuri li jidħlu fis-sottointestatura 0603 10 tat-tariffakKomuni tad-dwana huwa hawnhekk imħassar.

4. Dan il-Ftehim għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2004, minbarra l-Artikoli 2, 4 u 5 ta' Protokoll 1, li għandhom japplikaw għat-tadam mill-1 ta' Ottubru 2003.

Inkun obbligat jekk inti tikkonferma li l-Gvern tiegħek huwa fi ftehim mal-kontenuti ta' din l-ittra."

Għandi l-unur ngħarrfek li r-Renju tal-Marokk jaqbel.

Jekk jogħġbok aċċetta, Sinjur, iċ-ċertezza tal-konsiderazzjoni l-aktar għolja tiegħi.

*Għar-Renju tal-Marokk*

## PROTOKOLL Nru 1

## rigward l-arranġamenti applikabbli għal importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Marokk.

*Artikolu 1*

1. Il-prodotti mniżżla f'lista fl-Anness1.A, li joriġinaw fil-Marokk, għandhom jiddaħħlu għal importazzjoni fil-Komunità skond il-kondizzjonijiet li jinstabu hawn taħt u f'dak l-Anness.

2. Dazji ta' importazzjoni għandhom jew jiġu eliminati jew imnaqqsa bil-persentaġġ indikat għal kull prodott f'kolonna (a) ta' l-Anness 1.A.

Fejn it-tariffa komuni tad-dwana tipprovdi għall-applikazzjoni ta' dazji tad-dwana *ad valorem* u dazju tad-dwana speċifiku għal ċerti prodotti markati b' *asterisk* f'kolonna (a) jew (ċ), ir-rati ta' tnaqqis li jidhru f'kolonna (a) u f'kolonna (ċ), kif riferit fil-paragrafu 3, għandhom japplikaw biss għad-dazju tad-dwana *ad valorem*.

3. Id-dazji tad-dwana għal ċerti prodotti għandhom jiġu eliminati fil-limiti tal-kwoti ta' tariffa li jidhru ħdejhom f'kolonna (b) ta' l-Anness 1.A.

Għall-kwantitajiet importati li jaqbżu l-kwoti, d-dazji komuni tad-dwana għandhom jitnaqqsu bir-rati indikati f'kolonna (ċ) ta' dak l-Anness.

Għall-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-Ftehim, minbarra għat-tadam li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0702 00 00, il-volumi tal-kwoti tat-tariffa li għalihom il-perjodu tal-kwota beda qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-applikazzjoni ta' dan il-ftehim għandhom jiġu kalkolati bħala *pro rata* tal-volumi bażiċi, hija u titqies il-parti tal-perjodu li jkun għadda qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

4. Għal xi wħud mill-prodotti mniżżla f'lista fl-Anness 1.A u indikati f'kolonna (d), il-kwoti għandhom jiżdiedu mill-1 ta' Jannar 2004 sa' l-1 ta' Jannar 2007 fuq il-bażi ta' erba' akkonti ugwali, li kull waħda minnhom tikkorrespondi għal 3 % ta' dawn l-ammonti tal-kwota.

5. Jekk il-Komunità tnaqqas id-dazji tal-pajjiż l-aktar favorit li tapplika, it-tneħħija f'fażijiet ta' tariffi kif indikat f'kolonni (a) u (ċ) għandha tapplika għad-dazji mnaqqsa msemmija.

*Artikolu 2*

1. Għal tadam frisk jew imkessaħ li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0702 00 00, għal kull perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju, minn issa "l quddiem imsejħa" snin tas-suq, "skond il-kwoti ta' tariffa li ġejjin u bla ħsara għall-paragrafu 2 hawn taħt:

| (tunnellati metriċi) | snin tas-suq | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 2003/04 | 2004/05 | 2005/06 | 2006/07 u wara |
| **Kwoti bażiċi ta' kull xahar** | | | | |
| Ottubru | 10 000 | 10 000 | 10 000 | 10 000 |
| Novembru | 26 000 | 26 000 | 26 000 | 26 000 |
| Diċembru | 30 000 | 30 000 | 30 000 | 30 000 |
| Jannar | 30 000 | 30 000 | 30 000 | 30 000 |
| Frar | 30 000 | 30 000 | 30 000 | 30 000 |
| Marzu | 30 000 | 30 000 | 30 000 | 30 000 |
| April | 15 000 | 15 000 | 15 000 | 15 000 |
| Mejju | 4 000 | 4 000 | 4 000 | 4 000 |
| Total | 175 000 | 175 000 | 175 000 | 175 000 |
| **Kwota addizzjonali** (mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju) | | | | |
| Linja A | 15 000 | 25 000 | 35 000 | 45 000 |
| Linja B | 15 000 | 5 000 | 15 000 | 25 000 |

(a) dazji tad-dwana *ad valorem* għandhom jiġu eliminati,

(b) il-livell tal-prezz tad-dħul li minnu dazji speċifiċi se jitnaqqsu għal zero, minn issa "l quddiem imsejjaħ il-prezz tad-dħul miftiehem", għandu jkun 461 EUR kull tunnellata mettrika.

2. Meta l-kwantita totali ta' tadam li joriġina fil-Marokk rilaxxjat għal ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità matul sena tas-suq imsemmija ma taqbiżx is-somma tal-kwoti bażiċi ta' kull xahar u l-kwota addizzjonali applikabbli għal dik is-sena tas-suq, il-kwota addizzjonali għas-sena tas-suq ta' wara għandha tkun dik indikata f'linja A fil-paragrafu 1 hawn fuq. Fejn dik il-kondizzjoni ma tintlaħaqx matul sena tas-suq imsemmija, l-kwota addizzjonali għas-sena ta' wara għandha tkun dik indikata f'linja B fil-paragrafu 1 hawn fuq. Madankollu, tolleranza massima ta' 1 % għandha tkun aċċettata għall-għan li jiġi stmat jekk din il-kondizzjoni tkunx intlaħqet.

3. Il-Marokk jindaħal biex jiżgura li mhux aktar minn 30 % ta' din il-kwota addizzjonali ma jintuża matul xi xahar wieħed.

4. Ġbid mill-kwoti ta' tariffa bażiċi ta' kull xahar għandu jitwaqqaf fil-15 ta' Jannar għax-xhur minn Ottubru sa Diċembru kull sena tas-suq u fit-tieni ġurnata tax-xogħol wara l-1 ta' April għax-xhur minn Jannar sa Marzu. Fil-ġurnata tax-xogħol ta' wara, l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kwantitajiet mhux użati skond il-kwoti bażiċi ta' tariffa konċernati, u dawn għandhom jiġu trasferiti għall-kwota addizzjonali għal dik is-sena tas-suq. Mid-dati msemmija fuq, l-applikazzjonijiet retroattivi kollha skond waħda mill-kwoti ta' tariffa bażiċi ta' kull xahar li jkun ingħalaq u kull kwantita mhux użata li trid tingħata lura lil dawk il-kwoti għandhom jittieħdu minn jew jitqegħdu fil-kwota addizzjonali ta' tariffa għas-sena tas-suq konċernata.

*Artikolu 3*

Għall-prodotti mniżżla f'lista hawn taħt, il-livell ta' prezz ta' dħul miftiehem minn liema dazji speċifiċi se jitnaqqsu għal zero matul il-perjodi ndikati għandu jkun dak dikjarat hawn taħt, u d-dazji tad-dwana *ad valorem* għandu jiġi eliminat għall-kwantitajiet u perjodi fissati f'dan l-Artikolu.

| Prodotti | Kwantita (f'tunnellati metriċi) | Perjodu taż-żmien | Prezz ta' dħul miftiehem |
|---|---|---|---|
| Ħjar<br>NM 0707 00 05 | 5 600 | 11.01–05.31. | 449 EUR |
| Qaqoċċ<br>NM 0709 10 00 | 500 | 11.01–12.31. | 571 EUR |
| Qarabagħli<br>NM 0709 90 70 | 20 000 | 10.01–01.31.<br>02.01–03.31.<br>04.01–04.20. | 424 EUR<br>413 EUR<br>424 EUR |
| Lariŋ frisk<br>NM ex 0805 10 | 300 000 | 12.01–05.31. | 264 EUR |
| Klementina friska<br>NM ex 0805 20 10 | 130 000 | 11.01 – l-aħħar ta' Frar | 484 EUR |

*Artikolu 4*

Għall-prodotti riferiti f'L-Artikoli 2 u 3:

— jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinja partikolari huwa 2 %, 4 %, 6 % jew 8 % taħt il-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju tad-dwana speċifikum skond il-kwota għandu jkun 2 %, 4 %, 6 % jew 8 % tal-prezz tad-dħul miftiehem;

— jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinja partikolari huwa taħt it-92 % tal-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju tad-dwana speċifiku marbut fl-ODK għandu jgħodd;

— dawn il-prezzijiet tad-dħul miftiehma għandhom jitnaqqsu fl-istess proporzjoni u bl-istess rata bħall-prezzijiet tad-dħul marbuta fl-ODK.

*Artikolu 5*

1. L-għan ta' l-arranġamenti speċifiċi provvduti f'Artikoli 2 u 3 ta' dan il-Protokoll għandu jkun biex jiġi priservat il-livell ta' l-esportazzjonijiet tradizzjonali tal-Marokk lill-Komunità u biex jiġi evitat it-tfixkil ta' swieq tal-Komunità.

2. Sabiex jiġi żgurat li l-għan deskritt fl-ewwel paragrafu u l-Artikoli 2 u 3 huwa miksub kollu u biex titjieb l-istabbilita tas-suq u l-kontinwita ta' provvista, ż-żewġ Partijiet għandu jkollhom konsultazzjonijiet matul it-tieni kwart ta' kull sena, jew f'kull waqt jekk waħda mill-Partijiet titlob dan, mhux aktar minn tlett ġranet tax-xogħol wara din it-talba.

Konsultazzjonijiet għandhom ikopru kummerċ matul is-sena tas-suq ta' qabel u r-riżultat għas-sena tas-suq li tkun ġejja, partikolarment is-sitwazzjoni tas-suq, tbassir ta' produzzjoni, produzzjoni stmata u prezzijiet ta' esportazzjoni u żviluppi possibbli tas-suq.

Fejn ikun meħtieġ, il-Partijiet għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-għan deskritt fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu u f'Artikoli 2 u 3 huwa miksub kollu.

3. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Ftehim, jekk, meta titqies is-sensittivita partikolari tas-swieq agrikoli, importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw fil-Marokk li huma s-suġġett ta' konċessjonijiet mogħtija skond dan il-Protokoll jikkawżaw tfixkil serju għas-swieq tal-Komunità fit-tifsira ta' l-Artikolu 25 tal-Ftehim, iż-żewġ Partijiet għandu jkollhom konsultazzjonijiet immedjatament biex isibu soluzzjoni xierqa. Sakemm tinstab din is-soluzzjoni, +l-Komunità tista' tieħu xi miżuri li hija tħoss meħtieġa.

*Artikolu 6*

Inbid li joriġina fil-Marokk li jġorr nomina reġistrata ta' oriġini għandu jiġi akkompanjat minn ċertifikat li jindika l-oriġini bi qbil mal-mudell f'Anness I.B ma' dan il-Protokoll jew minn dokument V I 1 jew V I 2 annotat bi qbil ma' l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 883/2001 fuq iċ-ċertifikati u analiżi meħtieġa għal importi ta' nbid, meraq mill-għasir ta' l-għeneb u mostu ta' l-għeneb.

---

*ANNESS 1A*

| Kodiċi tan-NM (¹) | Deskrizzjoni tal-merkanzija (²) | Rata ta' tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF MFN (%) | Kwoti ta' tariffa (tunnellati mettriċi użin nett) | Tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF lil hinn mill-kwoti korrenti tat-tariffa (%) | Disposizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| 0101 90 19 | Żwiemel oħra għajr għall-qatla | 100 | | | |
| ex 0204 | Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew friżat, ieħor għajr laħam ta' nagħaġ domestiku | 100 | | | |
| 0205 00 | Laħam taż-żwiemel, ħmir, bgħula jew bgħula tar-rkib (*hinnies*), frisk, imkessaħ jew friżat | 100 | | | |
| 0208 | Laħam ieħor u fdalijiet oħra tal-laħam li jittieklu, frisk, imkessaħ jew friżat | 100 | | | |
| ex 0602 | Pjanti oħra ħajjin (inkluż l-għeruq tagħhom), żraġen u żbir; *mushroom spawn*, oħra għajr ward | 100 | | | |
| ex 0602 40 | Ward, imlaqqam jew le, għajr żraġen | 100 | | | |
| 0603 10 | Fjuri maqtugħin u blanzuni tal-fjuri, friski | 100 | 3 000 | – | Artikolu 1 (4) |
| 0603 10 10 | Ward, mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | | | | |
| 0603 10 20 | Qronfol, mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | | | | |
| 0603 10 40 | *Gladioli*, mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | | | | |
| 0603 10 50 | *Chrysanthemums*, mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | | | | |
| 0603 10 30 | Orkidei *(orchids)*, mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | 100 | 2 000 | – | Artikolu 1 (4) |
| 0603 10 80 | Oħrajn, mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | | | | |
| ex 0701 90 50<br>ex 0701 90 90 | Patata ġdida, mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' April | 100 | 120 000 | 40 | Artikolu 1 (4) |
| 0702 00 00 | Tadam, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | | | 60 (*) (³) | Artikolu 2 |
| 0702 00 00 | Tadam, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru | 60 (*) | | | |
| ex 0703 10 11 | Basal, frisk jew imkessaħ, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju | 100 | 8 000 | 60 | Artikolu 1 (4) |
| 0703 10 11<br>0709 90 90 | Basal selvaġġ (*Muscari comosum*), mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju | | | | |

(*) Ir-rata ta' tnaqqis tapplika biss għad-dazju tad-dwana ad valorem.

(¹) Kodiċi tan-NK li jikkorrespondu għar-Regolament (KE) Nru 1832/2002 (ĠU L 290 28.10.2002. p.1).

(²) Minkejja preġudizzju għar-regoli għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, d-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva biss, bl-iskema preferenzali stabbilita, għall-għanijiet ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM u d- deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

(³) Applikazzjoni ta' din il-konċessjoni hija sospiża sad-data provvduta fl-Artikolu 18 ta' dan il-Ftehim għall-applikazzjoni ta' miżuri ġodda ta' liberalizzazzjoni.

| Kodiċi tan-NM ([1]) | Deskrizzjoni tal-merkanzija ([2]) | Rata ta' tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF MFN (%) | Kwoti ta' tariffa (tunnellati mettriċi użin nett) | Tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF lil hinn mill-kwoti korrenti tat-tariffa (%) | Disposizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| 0703 10 90 | Xalott, frisk jew imkessaħ | 100 | 1 000 | – | Artikolu 1 (4) |
| 0703 20 00 | Tewm, frisk jew imkessaħ | | | | |
| 0703 90 00 | Kurrat u ħaxix ieħor *alliaceous*, frisk jew imkessaħ | | | | |
| ex 0704 | Kaboċċi, pastard, *kale, kohlrabi* u *brassicas* oħra simili li jittieklu, friski jew imkessħa, minbarra kaboċċa Ċiniża | 100 | 500 | – | Artikolu 1 (4) |
| ex 0704 90 90 | Kaboċċa Ċiniża, friska jew imkessħa | 100 | 200 | – | Artikolu 1 (4) |
| 0705 11 00 | Ħass Ċiniż (*head lettuce*), friżat jew imkessaħ | 100 | 200 | – | Artikolu 1 (4) |
| 0705 19 00 | Ħass (*Lactuca sativa*), frisk jew imkessaħ (minbarra *head lettuce*) | 100 | 600 | – | Artikolu 1 (4) |
| 0705 29 00 | Ċikwejra (*Chicorium spp.*) minbarra ċ-ċikwejra *witloof* (*Chicorium intybus var. Foliosum*) friska jew imkessħa | | | | |
| 0706 10 00 | Żunnarija u *turnips*, friski jew imkessħa | | | | |
| 0706 90 | Pitravi ta' l-insalata, *salsify, celeriac*, ravanelli (*radishes*) u għeruq simili li jittieklu, friski jew imkessħa | | | | |
| 0707 00 05 | Ħjar, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju | | | | Artikolu 3 |
| 0707 00 05 | Ħjar, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Ottubru | 100 (*) | | | |
| 0707 00 90 | *Gherkins*, friski jew imkessħa | 100 | 100 | – | Artikolu 1 (4) |
| 0708 10 00 | Piżelli (*Pisum sativum*), friski jew imkessħa, mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' April | 100 | | | |
| 0708 20 00 | Fażola (*Vigna spp., Phaseolus spp.*), friska jew imkessħa, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju | 100 | | | |
| 0709 10 00 | Qaqoċċ, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru | | | 30 (*) | Artikolu 3 |
| 0709 10 00 | Qaqoċċ, frisk jew imkessaħ, mill-1 sal-31 ta' Ottubru u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu | 100 (*) | | | |
| 0709 20 00 | Asparagu, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | 100 | | | |
| 0709 30 00 | Brunġiel, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' April | 100 | | | |

(*) Ir-rata ta' tnaqqis tapplika biss għad-dazju tad-dwana ad valorem.

([1]) Kodiċi tan-NK li jikkorrespondu għar-Regolament (KE) Nru 1832/2002 (ĠU L 290 28.10.2002. p.1).

([2]) Minkejja preġudizzju għar-regoli għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, d-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva biss, bl-iskema preferenzali stabbilita, għall-għanijiet ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM u d- deskrizzjoni korrespondenti meħuda flimkien.

| Kodiċi tan-NM ([1]) | Deskrizzjoni tal-merkanzija ([2]) | Rata ta' tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF MFN (%) | Kwoti ta' tariffa (tunnellati mettriċi użin nett) | Tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF lil hinn mill-kwoti korrenti tat-tariffa (%) | Disposizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| 0709 40 00 | Krafes oħra għajr *celeriac*, friski jew imkessħa | 100 | 9 000 | – | Artikolu 1 (4) |
| ex 0709 51 00 | Faqqiegħ tan-nisel *Agaricus*, frisk jew imkessaħ, minbarra faqqiegħ kultivat | | | | |
| 0709 59 10 | *Chantarelles*, friski jew imkessħa | | | | |
| 0709 59 30 | *Flap mushrooms*, friski jew imkessħa | | | | |
| ex 0709 59 90 | Faqqiegħ ieħor li jittiekel frisk jew imkessaħ, minbarra faqqiegħ kultivat | | | | |
| 0709 70 00 | Spinaċi, spinaċi tan-*New Zealand* u spinaċi *orache* (spinaċi tal-ġnien), friska jew imkessħa | | | | |
| 0709 60 10 | Bżar ħelu u *pimentos*, friski jew imkessħa | 100 | | | |
| 0709 60 99 | Frott ieħor tan-nisel *Capsicum* jew tan-nisel *Pimenta*, frisk jew imkessaħ, mill-15 ta' Novembru sat 30 ta' Ġunju | 100 | | | |
| 0709 90 10 | Ħaxix ta' l-insalata, ieħor għajr il-ħass (*Lactuca sativa*) u ċikwejra (*Chicorium spp.*) friska jew imkessħa | 100 | | | |
| 0709 90 31 | Żebbuġ, frisk jew imkessaħ, għal użu ieħor għajr il-produzzjoni taż-żejt ([3]) | 100 | | | |
| 0709 90 39 | Żebbuġ ieħor, frisk jew imkessaħ | 100 | | | |
| 0709 90 40 | Kappar, frisk jew imkessaħ | 100 | | | |
| 0709 90 60 | Qamħ ir-rum ħelu, frisk jew imkessaħ | 100 | | | |
| 0709 90 70 | Qarabagħli, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Ottubru sa l-20 ta' April | | | | Artikolu 3 |
| 0709 90 70 | Qarabagħli, frisk jew imkessaħ, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju | 60 ([*]) | | | |
| ex 0709 90 90 | *Okra*, friska jew imkessħa, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju | 100 | | | |
| ex 0710 | Ħaxix friżat ieħor għajr piżelli u frott ieħor tan-nisel *Capsicum* jew *Pimenta* | 100 | 10 000 | | Artikolu 1 (4) |
| ex 0710 21 00<br>0710 29 00 | Piżelli, mhux imsajra jew imsajra permezz tal-fwar jew tgħolija fl-ilma, friżata | 100 | | | |
| 0710 80 59 | Frott tan-nisel *Capsicum* jew *Pimenta*, mhux imsajjar jew imsajjar permezz tal-fwar jew tgħolija fl-ilma, friżat (minbarra bżar ħelu) | 100 | | | |

([*]) Ir-rata ta' tnaqqis tapplika biss għad-dazju tad-dwana ad valorem.

([1]) Kodiċi tan-NK li jikkorrespondu għar-Regolament (KE) Nru 1832/2002 (ĠU L 290 28.10.2002. p.1).

([2]) Minkejja preġudizzju għar-regoli għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, d-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva biss, bl-iskema preferenzali stabbilita, għall-għanijiet ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM u d- deskrizzjoni korrespondenti meħuda flimkien.

([3]) Dħul taħt din is-sottointestatura huwa suġġett għal kondizzjonijiet preskritti fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Komunità (ara l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p.1) u emendi sosegwenti.

| Kodiċi tan-NM (1) | Deskrizzjoni tal-merkanzija (2) | Rata ta' tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF MFN (%) | Kwoti ta' tariffa (tunnellati mettriċi użin nett) | Tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF lil hinn mill-kwoti korrenti tat-tariffa (%) | Disposizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| 0711 20 10 | Żebbuġ priservat proviżorjament, imma mhux xieraq f'dak l-istat għal konsum, għal użu ieħor għajr għall-produzzjoni taż-żejt (3) | 100 | | | |
| 0711 30 00 | Kappar priservat proviżorjament imma mhux xieraq għal konsum | 100 | | | |
| 0711 40 00<br>0711 51 00<br>0711 59 00<br>0711 90 30<br>0711 90 50<br>0711 90 80<br>0711 90 90 | Ħjar u *gherkins*, faqqiegħ, tartufi, qamħ ir-rum ħelu, basal, ħaxix ieħor (minbarra *pimentos*) u taħlitiet ta' ħaxix, proviżorjament priservati (per eżempju, pemezz tal-gass tad-dijossidu tal-kubrit, fis-salmura, fl-ilma bil-kubrit jew f'soluzzjonijiet oħra priservattivi), imma mhux xierqa f'dak l-istat għal konsum | 100 | 600 | – | Artikolu 1 (4) |
| 0711 90 10 | Frott tan-nisel Capsicum jew Pimenta, minbarra bżar ħelu u pimentos, priservat proviżorjament imma mhux xieraq f'dak l-istat għal konsum | 100 | | | |
| ex 0712 | Ħaxix imnixxef, minbarra basal u żebbuġ | 100 | 2 000 | – | Artikolu 1 (4) |
| ex 0713 50 00 | Ful u fil għall-għalf, għaż-żrigħ | 100 | | | |
| ex 0713 50 00<br>0713 90 90 | Ful, ful għall-għalf u ħaxix ieħor tal-legumi, ieħor għajr għaż-żriegħ | 100 | | | |
| 0804 10 00 | Tamal f'pakketti immedjati ta' kapaċita nett li ma taqbiżx il-35 kg | 100 | | | |
| 0804 20 | Tin | 100 | | | |
| 0804 40 00 | Avocados | 100 | | | |
| ex 0805 10 | Larinġ frisk, mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju | | | 80 (*) | Artikolu 3 |
| ex 0805 10 | Larinġ frisk, mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Novembru | 100 | | | |
| ex 0805 10 80 | Larinġ, ieħor għajr frisk | 100 | | | |
| ex 0805 20 10 | Klementina friska, mill-1 ta' Novembru sa' l-aħħar ta' Frar | | | 80 (*) | Artikolu 3 |
| ex 0805 20 10 | Klementina friska, mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Ottubru | 100 (*) | | | |
| ex 0805 20 30<br>ex 0805 20 50<br>ex 0805 20 70<br>0805 20 90 | Mandolin (*mandarins*) (inklużi mandolin (*tangerines*) u satsumi); frisk; *wilkings* u ibridi simili taċ-ċitru; friski | 100 (*) | | | |
| 0805 40 00 | *Grapefruit*, frisk jew imnixxef | 100 | | | |
| ex 0805 50 10 | Lumi frisk | 100 (*) | | | |
| ex 0805 50 | Lumi u luminċell, ieħor għajr frisk | 100 (*) | | | |

(*) Ir-rata ta' tnaqqis tapplika biss għad-dazju tad-dwana ad valorem.

(1) Kodiċi tan-NK li jikkorrespondu għar-Regolament (KE) Nru 1832/2002 (ĠU L 290 28.10.2002. p.1).

(2) Minkejja preġudizzju għar-regoli għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, d-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva biss, bl-iskema preferenzali stabbilita, għall-għanijiet ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM u d- deskrizzjoni korrespondenti meħuda flimkien.

(3) Dħul taħt din is-sottointestatura huwa suġġett għal kondizzjonijiet preskritti fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Komunità (ara l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p.1) u emendi sosegwenti.

| Kodiċi tan-NM ([1]) | Deskrizzjoni tal-merkanzija ([2]) | Rata ta' tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF MFN (%) | Kwoti ta' tariffa (tunnellati mettriċi użin nett) | Tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF lil hinn mill-kwoti korrenti tat-tariffa (%) | Disposizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| ex 0806 10 10 | Għeneb tal-mejda, frisk, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Lulju | 100 (*) | | | |
| 0807 11 00 | Dulliegħ, frisk, mill-1 ta' Jannar sal 15 ta' Ġunju | 100 | | | |
| 0807 19 00 | Dulliegħ ieħor, frisk, mill-15 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju | 100 | | | |
| 0808 20 90 | Sfarġel, frisk | 100 | 1 000 | 50 | |
| 0809 10 00<br>0809 20<br>0809 30 | Berquq, frisk<br>Ċirasa, friska<br>Ħawħ, inkluż noċiprisk, frisk | 100 (*) ([3]) | 3 500 | – | Artikolu 1 (4) |
| 0809 40 05 | Għanbaqar, frisk, mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju | 100 (*) | | | |
| 0810 10 00 | Frawli friska, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu | 100 | | | |
| 0810 20 10 | Lampun, frisk mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Lulju | 100 | | | |
| 0810 50 00 | Frott tal-kiwi, frisk, mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April | 100 | 250 | – | Artikolu 1 (4) |
| ex 0810 90 95 | Rummien, frisk | 100 | | | |
| ex 0810 90 95 | *Prickly pears* u *medlars*,, friski | 100 | | | |
| ex 0811 | Frott, mhux imsajjar jew permezz tal-fwar jew tgħolija fl-ilma, friżat, li ma jikkontjenix zokkor miżjud | 100 | | | |
| ex 0812 90 20 | Larinġ, imqatta' bċejjeċ fini, priservat proviżorja-ment | 100 | | | |
| ex 0812 90 99 | Frott ieħor taċ-ċitru, imqatta' bċejjeċ fini, priser-vat proviżorjament | 100 | | | |
| 0813 10 00 | Berquq, imnixxef | 100 | | | |
| 0813 40 10 | Ħawħ, inkluż noċiprisk, imnixxef | 100 | | | |
| 0813 40 50 | Papaw (papaja), imnixxfa | 100 | | | |
| 0813 40 95 | Frott ieħor, imnixxef | 100 | | | |
| 0813 50 12<br>0813 50 15 | Taħlitiet ta' frott imnixxef, ieħor għajr il-pruna | 100 | | | |
| 0904 12 00 | Bżar, imfarrak jew mitħun | 100 | | | |
| 0904 20 90 | Frott tan-nisel *Capsicum* jew tan-nisel *Pimenta*, imfarrak jew mitħun | 100 | | | |
| 0910 | Ġinġer, żagħfran, turmeriku (*curcuma*), *thyme*, weraq tar-rand, *curry* u ħwawar oħra | 100 | | | |

(*) Ir-rata ta' tnaqqis tapplika biss għad-dazju tad-dwana ad valorem.

([1]) Kodiċi tan-NK li jikkorrespondu għar-Regolament (KE) Nru 1832/2002 (ĠU L 290 28.10.2002. p.1).

([2]) Minkejja preġudizzju għar-regoli għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, d-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva biss, bl-iskema preferenzali stabbilita, għall-għanijiet ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM u d- deskrizzjoni korrespondenti meħuda flimkien.

([3]) Għal ċirasa friska, r-rata ta' tnaqqis għandha tapplika għad-dazju minimu, speċifiku tad-dwana.

| Kodiċi tan-NM ([1]) | Deskrizzjoni tal-merkanzija ([2]) | Rata ta' tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF MFN (%) | Kwoti ta' tariffa (tunnellati mettriċi użin nett) | Tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF lil hinn mill-kwoti korrenti tat-tariffa (%) | Disposizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| 1209 91 90 | Żerriegħa oħra tal-ħaxix ([3]) | 100 | | | |
| 1209 99 99 | Żerriegħa oħra jew frott għaż-żrigħ ([3]) | 100 | | | |
| 1211 90 30 | Tonquin beans | 100 | | | |
| 1212 10 | Ħarrub, inkluż żerriegħa tal-ħarrub | 100 | | | |
| ex 1302 20 | Sustanzi pektini u pektinati | 25 | | | |
| 1509<br><br>1510 | Żejt taż-żebbuġa u l-frazzjonijiet tiegħu, sewwa jekk raffinat u sewwa jekk le, imma mhux modifikat kimikament<br><br>Żejt ieħor u l-frazzjonijiet tiegħu, miksub biss miż-żebbuġ, sewwa jekk raffinat u sewwa jekk le, imma mhux modifikat kimikament, inkluż taħlit ta' dawn iż-żjut jew frazzjonijiet ta' intestatura Nru 1509 | 100 | 3 500 | – | Artikolu 1 (4) |
| ex 2001 10 00 | Ħjar, imħejji jew priservat permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku, mingħajr zokkor miżjud | 100 | | | |
| ex 2001 10 00 | *Gherkins*, imħejjija jew priservati permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku | 100 | 10 000 tunnellati mettriċi użin nett) | – | Artikol (u 1 (4) |
| ex 2001 90 93 | Basal, imħejji jew priservat permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku, mingħajr zokkor miżjud | 100 | | | |
| 2001 90 20 | Frott ieħor tan-nisel *Capsicum* għajr bżar ħelu u *pimentos*, imħejji jew priservat permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku | 100 | | | |
| ex 2001 90 50 | Faqqiegħ, imħejji jew priservat permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku, mingħajr zokkor miżjud | 100 | | | |
| ex 2001 90 65 | Żebbuġ, imħejji jew priservat permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku, mingħajr zokkor miżjud | 100 | | | |
| ex 2001 90 70 | Bżar ħelu jew pimenots, imħejji jew priservat permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku, mingħajr zokkor miżjud | 100 | | | |
| ex 2001 90 75 | Pitravi ta' l-insalata, imħejjija jew priservat apermezz tal-ħall jew aċidu aċetiku, mingħajr zokkor miżjud | 100 | | | |
| ex 2001 90 85 | Kaboċċa ħamra, imħejjija jew priservata permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku, mingħajr zokkor miżjud | 100 | | | |
| ex 2001 90 96 | Ħaxix ieħor, frott, ġewż u partijiet oħra tal-pjanta li jittieklu, imħejjija jew priservati permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku, li ma jikkontenux iz-zokkor | 100 | | | |
| 2002 10 10 | Tadam, imqaxxar | 100 | | | |
| 2002 90 | Tadam, imħejji jew priservat mod ieħor għajr permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku (ieħor għajr tadam sħiħ jew fi bċejjeċ) | 100 | 2 000 | – | Artikolu 1 (4) |

([1]) Kodiċi tan-NK li jikkorrespondu għar-Regolament (KE) Nru 1832/2002 (ĠU L 290 28.10.2002. p.1).

([2]) Minkejja preġudizzju għar-regoli għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, d-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva biss, bl-iskema preferenzali stabbilita, għall-għanijiet ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM u d- deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

([3]) Din il-konċessjoni tapplika biss għal dik iż-żerriegħa koperta mid-disposizzjonijiet tad-direttivi dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa u pjanti.

| Kodiċi tan-NM (1) | Deskrizzjoni tal-merkanzija (2) | Rata ta' tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF MFN (%) | Kwoti ta' tariffa (tunnellati mettriċi użin nett) | Tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF lil hinn mill-kwoti korrenti tat-tariffa (%) | Disposizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| 2003 10 20<br>2003 10 30 | Faqqiegħ tan-nisel *Agaricus*, imħejji jew priservat mod ieħor għajr permezz tal-ħall jew ta' l-aċidu aċetiku | 100 | | | |
| 2003 20 00 | Tartufi, imħejjija jew priservati mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku | 100 | | | |
| 2003 90 00 | Faqqiegħ ieħor, imħejji jew priservat mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku | 100 | | | |
| 2004 10 99 | Patata oħra, imħejjija jew priservata mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, friżata | 100 | | | |
| ex 2004 90 30 | Kappar u żebbuġ, imħejji jew priservat mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, friżat | 100 | | | |
| 2004 90 50<br><br>2005 40 00<br><br>2005 59 00 | Piżelli (*Pisum sativum*) u fażola ħadra, imħejjija jew priservata mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew ta' l-aċidu aċetiku, mhux friżata<br><br>Piżelli (*Pisum sativum*) imħejjija jew priservata mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew ta' l-aċidu aċetiku, mhux friżat<br><br>Fażola oħra, imħejjija jew priservata mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, mhux friżata | 100 | 10 500 | 20 | Artikolu 1 (4) |
| 2004 90 98 | Ħaxix ieħor, imħejji jew priservat mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, friżat | 100 | | | |
| 2005 10 00 | Ħaxix omoġenizzat, imħejji jew priservat mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, mhux friżat: | 100 | | | |
| 2005 20 20 | Patata, imqatta' flieli rqaq, moqlija jew fil-forn, sewwa jekk immelħa jew imħawwra u sewwa jekk le, f'pakketti li ma tidħolx l-arja minnhom, xierqa għall-konsum dirett | 100 | | | |
| 2005 20 80 | Patata oħra, imħejjija jew priservata, mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, mhix friżata | 100 | | | |
| 2005 51 00 | Fażola, mingħajr qoxra, imħejjija jew priservata mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, mhix friżata | 100 | | | |
| 2005 60 00 | Asparagu, imħejji jew priservat mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, mhux friżat | 100 | | | |
| 2005 70 | Żebbuġ, imħejji jew priservat mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, mhux friżat | 100 | | | |

(1) Kodiċi tan-NK li jikkorrespondu għar-Regolament (KE) Nru 1832/2002 (ĠU L 290 28.10.2002. p.1).

(2) Minkejja preġudizzju għar-regoli għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, d-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva biss, bl-iskema preferenzali stabbilita, għall-għanijiet ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM u d- deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

| Kodiċi tan-NM ([1]) | Deskrizzjoni tal-merkanzija ([2]) | Rata ta' tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF MFN (%) | Kwoti ta' tariffa (tunnellati mettriċi użin nett) | Tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF lil hinn mill-kwoti korrenti tat-tariffa (%) | Disposizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| 2005 90 10 | Frott tan-nisel *Capsicum*, ieħor għajr bżar ħelu jew *pimentos*, imħejji jew priservat permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku, mhux friżat | 100 | | | |
| 2005 90 30 | Kappar, imħejji jew priservat mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, mhux friżat | 100 | | | |
| 2005 90 50 | Qaqoċċ, imħejji jew priservat mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, mhux friżat | 100 | | | |
| 2005 90 60 | Zunnarija, imħejjija jew priservata mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, mhix friżata | 100 | | | |
| 2005 90 70 | Taħlitiet ta' ħaxix, imħejjija jew priservati mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, mhux friżati | 100 | | | |
| 2005 90 80 | Ħaxix ieħor, imħejji jew priservat mod ieħor minbarra permezz tal-ħall jew l-aċidu aċetiku, mhux friżat | 100 | | | |
| 2007 10 91 | Tħejjijiet omoġenizzati ta' frott tropikali | 100 | | | |
| 2007 10 99 | Tħejjijiet oħra omoġenizzati | 100 | | | |
| 2007 91 90 | Frott ieħor taċ-ċitru | 100 | | | |
| 2007 99 91 | Purée tat-tuffieħ, inkluż *compotes* | 100 | | | |
| 2007 99 98 | *Jams*, jelly tal-frott, *marmalades*, purée tal-frott jew tal-ġewż u pejstijiet tal-frott jew tal-ġewż, oħrajn | 100 | | | |
| 2008 30 51<br>2008 30 71<br>ex 2008 30 90 | Segmenti tal-*grapefruit* | 80 | | | |
| | Mandolin (mandarins) (inklużi mandolin (tangerines) u satsumi); imqatta' bċejjeċ fini; il-klementina, wilkings u ibridi oħra taċ-ċitru simili, imqatta' bċejjeċ fini | | | | |
| ex 2008 30 55 | — f'pakketti immedjati ta' kontenut nett li jaqbeż il-kilogramma | 100 | | | |
| ex 2008 30 75 | — f'pakketti immedjati ta' kontenut nett li ma jaqbiżx kilogramma | 80 | | | |
| ex 2008 30 59<br>2008 30 79 | Larinġ u lumi, imqatta' bċejjeċ fini | 80 | | | |
| ex 2008 30 90 | Frott taċ-ċitru, imqatta' bċejjeċ fini | 80 | | | |
| ex 2008 30 90 | Polpa taċ-ċitru | 40 | | | |

([1]) Kodiċi tan-NK li jikkorrespondu għar-Regolament (KE) Nru 1832/2002 (ĠU L 290 28.10.2002. p.1).

([2]) Minkejja preġudizzju għar-regoli għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, d-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva biss, bl-iskema preferenzali stabbilita, għall-għanijiet ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM u d- deskrizzjoni korrespondenti meħuda flimkien.

| Kodiċi tan-NM (¹) | Deskrizzjoni tal-merkanzija (²) | Rata ta' tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF MFN (%) | Kwoti ta' tariffa (tunnellati mettriċi użin nett) | Tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF lil hinn mill-kwoti korrenti tat-tariffa (%) | Disposizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| 2008 50 61<br>2008 50 69 | Berquq, imħejji jew priservat mod ieħor, mingħajr spirtu miżjud imma li jikkontjeni zokkor miżjud, f'pakketti immedjati ta' kontenut nett li jaqbeż il-kilogramma | 100 | 10 000 | 20 | Artikolu 1 (4) |
| 2008 50 71<br>2008 50 79 | Berquq, imħejji jew priservat mod ieħor, mingħajr spirtu miżjud, li jikkontjeni zokkor miżjud, f'pakketti immedjati ta' kontenut nett li jaqbeż il-kilogramma | 100 | 5 000 | – | Artikolu 1 (4) |
| ex 2008 50 92<br>2008 50 94 | Nofsijiet tal-berquq, imħejjija jew priservati mod ieħor, mingħajr la spirtu miżjud u lanqas zokkor miżjud, f'pakketti immedjati ta' kontenut nett ta' 4,5 kg jew aktar | 100 | | | |
| ex 2008 50 92<br>2008 50 94 | Polpa tal-berquq, imħejjija jew priservata mod ieħor, mingħajr la spirtu miżjud u lanqas zokkor miżjud, f'pakketti immedjati ta' kontenut nett ta' 4,5 kg jew aktar | 100 | 10 000 | 50 | Artikolu 1 (4) |
| ex 2008 50 99<br><br>2008 70 99 | Berquq, imħejji jew priservat mod ieħor, mingħajr la spirtu miżjud u lanqas zokkor miżjud, f'pakketti immedjati ta' kontenut nett ta' inqas minn 4,5 kg<br><br>Nofsijiet tal-ħawħ u tan-nuċiprisk, imħejjija jew priservati mod ieħor, mingħajr la spirtu miżjud u lanqas zokkor miżjud, f'pakketti immedjati ta' kontenut nett ta' inqas minn 4,5 kg | 100 | 7 200 | 50 | Artikolu 1 (4) |
| ex 2008 70 92<br>ex 2008 70 94 | Nofsijiet tal-tal-ħawħ u tan-nuċiprisk, imħejjija jew priservati mod ieħor, mingħajr la spirtu miżjud u lanqas zokkor miżjud, f'pakketti immedjati ta' kontenut nett ta' 4,5 kg jew aktar | 50 | | | |
| 2008 92 51<br>2008 92 59<br>2008 92 72<br>2008 92 74<br>2008 92 76<br>2008 92 78 | Taħlitiet ta' frott, mingħajr spirtu miżjud, li jikkontjenu z-zokkor miżjud | 100 | 100 | 55 | Artikolu 1 (4) |
| 2009 11<br>2009 12 00<br>2009 19 | Meraq mit-tagħsir tal-larinġ | 100 (*) | 50 000 | 70 (*) | Artikolu 1 (4) |
| 2009 21 00<br>2009 29 11<br>2009 29 19<br>2009 29 91<br>2009 29 99 | Meraq mit-tagħsir tal-*grapefruit* | 100 (*) | 1 000 | 70 (*) | Artikolu 1 (4) |
| 2009 39 11<br>2009 39 19 | Meraq mit-tagħsir tal-frott kollu l-ieħor taċ-ċitru | 100 (*) | | | |

(*) Ir-rata ta' tnaqqis tapplika biss ghad-dazju tad-dwana ad valorem.

(¹) Kodiċi tan-NK li jikkorrespondu ghar-Regolament (KE) Nru 1832/2002 (ĠU L 290 28.10.2002. p.1).

(²) Minkejja preġudizzju ghar-regoli ghall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maghquda, d-deskrizzjoni tal-prodotti ghandha titqies bhala indikattiva biss, bl-iskema preferenzali stabbilita, ghall-ghanijiet ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM u d- deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

| Kodiċi tan-NM (1) | Deskrizzjoni tal-merkanzija (2) | Rata ta' tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF MFN (%) | Kwoti ta' tariffa (tunnellati mettriċi użin nett) | Tnaqqis tad-dazju tad-dwana ta' l-NLF lil hinn mill-kwoti korrenti tat-tariffa (%) | Disposizzjonijiet speċjali |
|---|---|---|---|---|---|
| | | a | b | ċ | d |
| ex 2009 31 11<br>ex 2009 31 19<br>ex 2009 39 31<br>ex 2009 39 39 | Meraq mit-tagħsir tal-frott kollu l-ieħor taċ-ċitru, minbarra meraq mit-tagħsir tal-lumi | 100 | | | |
| ex 2204 | Inbid ta' għeneb frisk | 100 | 95 200 el | – | Artikolu 1 (4) |
| ex 2204 21 79<br>ex 2204 21 80<br>ex 2204 21 83<br>ex 2204 21 84 | Inbejjed li jġorru waħda minn dawn l-ismijiet reġistrati ta' oriġini Berkane, Saïs, Beni M'Tir, Gerrouane, Zemmour u Zennata, f'kontenituri li jżommu 2 litri jew inqas ta' qawwa alkolika att-wali li ma taqbiżx il-15 % vol | 100 | 56 000 el | – | Artikolu 1 (4) |
| ex 2302 | Nuħħala, ponot u fdalijiet oħra, sewwa jekk fil-għamla ta' gerbub u sewwa jekk le, derivati mill-għarbil, it-tħin jew ħdim ieħor ta' ċerti ċereali jew ta' pjanti tal-legumi, oħra għajr qamħ ir-rum jew ross | 100 | | | |

(1) Kodiċi tan-NK li jikkorrespondu għar-Regolament (KE) Nru 1832/2002 (ĠU L 290 28.10.2002. p.1).
(2) Minkejja preġudizzju għar-regoli għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, d-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva biss, bl-iskema preferenzali stabbilita, għall-għanijiet ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM u d- deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

*ANNESS 1B*

1. Esportatur (Isem, indirizz sħiħ, pajjiż):

2. Numru 00000

3. L-isem ta' l-awtorita li qed tiggarantixxi l-isem reġistrat ta' l-oriġini:

4. Destinatarju (Isem, indirizz sħiħ, pajjiż):

5. **ĊERTIFIKAT TA' ISEM REĠISTRAT TA' ORIĠINI**

6. Mezz ta' trasport:

7. Isem reġistrat ta' oriġini

8. Post tal-ħatt:

| 9. Marki u numri, numru u tip ta' pakketti | 10. Użin gross | 11. Litri |
|---|---|---|
| | | |

12. Litri (fi kliem):

13. Timbru ta' korp tal-ħruġ:

14. Timbru tad-dwana:

(Ara traduzzjoni, kaxxa 15)

15. Aħna hawnhekk niċċertifikaw li l-inbid deskritt f'dan iċ-ċertifikat huwa inbid prodott fid-distrett ta' l-inbid ta'...................... u huwa meqjus mill-leġislazzjoni Marokkina bħala intitolat għall-isem reġistrat ta' l-oriġini '.................................'. L-alkol miżjud ma' dan l-inbid huwa imnissel mill-inbid

16. (1)

(1) Tagħrif addizzjonali għall-użu mill-pajjiż esportatur.

## PROTOKOLL Nru 3

## rigward l-arranġamenti applikabbli għal importi fil-Marokk ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Komunità

*Artikolu 1*

1. Id-dazji ta' importazzjoni fuq importi fil-Marokk ta' prodotti li joriġinaw fil-Komunità kif imniżżla f'lista fl-Anness li ġej għandhom ikunu kif dikjarat f'kolonna (a) ta' l-Anness. It-tnaqqis suċċessiv provvdut f'dan il-Ftehim għandu jsir skond il-persentaġġi indikati f'kolonni (ċ), (e), (g), (i) u (k) għall-kwantitajiet koperti mill-kwoti ta' tariffa indikati f'kolonni (b), (d), (f), (h) u (j).

2. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 3, jekk xi tnaqqis ta' tariffa *erga omnes* huwa applikat wara li dan il-Ftehim ikun ġie firmat, id-dazju mnaqqas għandu jbiddel id-dazji indikati f'kolonna (a) ta' l-Anness għall-għanijiet ta' paragrafu 1 mid-data ta' meta dak it-tnaqqis jiġi applikat.

3. Għal prodotti li jidħlu fil-kodiċi tan-NM ex 1001 90 99 kif riferit fl-Anness, id-dazju indikat fil-kolonna (a) ta' l-Anness għandu jkun dak applikat fl-1 ta' Ottubru 2003 u għandu jibqa f'dak il-livell jew taħtu għall-għanijiet tal-kalkolu tat-tnaqqis tat-tariffa.

Jekk id-dazju konċernat jiġi mnaqqas fuq bażi *erga omnes* wara dik id-data, il-persentaġġ indikat f'kolonni (ċ), (e), (g), (i) u (k) għandu jiġi aġġustat skond ir-regoli li ġejjin:

— jekk id-dazju jitnaqqas fuq bażi *erga omnes*, il-persentaġġ għandu jiżdied b' 0,275 % kull punt perċentwali ta' tnaqqis;

— jekk id-dazju jitnaqqas sosegwentement fuq bażi *erga omnes*, il-persentaġġ għandu jiżdied b' 0,275 % kull punt perċentwali ta' żieda;

— jekk id-dazju jerġa' jiġi aġġustat jew 'l fuq jew 'l isfel, il-persentaġġ li jirrizulta mill-applikazzjoni ta' l-indenti ta' qabel għandu jiġi aġġustat permezz tal-formula rilevanti.

*Artikolu 2*

1. Għal ċereali li jidħlu fil-kodiċi tan-NM ex 1001 90 99, il-kwota tat-tariffa għanda tiġi fissata kif stipulata fin-nota f'qiegħ il-paġna 2 ta' l-Anness fuq il-bażi ta' produzzjoni Marokkina matul is-sena korrenti, kif stmat u pubblikat mill-awtoritajiet Marokkini matul Mejju. Il-kwota se tiġi adattata jekk ikun meħtieġ fl-aħhar ta' Lulju fid-dawl ta' komunikazzjoni mill-awtoritajiet Marokkini li tiffissa l-volum definittiv ta' produzzjoni Marokkina. Madankollu, r-riżultat ta' kull aġġustament bħal dan irid jiġi aġġustat permezz ta' qbil komuni bejn il-Partijiet jew 'l fuq jew 'l isfel b' 5 % skond ir-riżultat tal-konsultazzjonijiet riferiti f'paragrafu 2.

Il-kwota ta' tariffa msemmija fuq m'għandhiex tapplika matul Ġunju u Lulju. Matul il-konsultazzjonijiet provvduti fil-paragrafu li ġej, il-Partijiet għandhom jiftiehmu biex iqisu jekk jestendux it-tabella taż-żmien fid-dawl tat-tbassir għas-suq Marokkin. Madankollu, kull estensjoni ma tistax tmur "il hinn mill-31 ta' Awissu."

2. Għall-għanijiet tat-tmexxija tad-disposizzjonijiet dikjarati f'paragrafu 1, u sabiex jiġu żgurati provvisti għas-suq Marokkin kif ukoll l-istabbilita u l-kontinwita ta' dak is-suq u biex jiġu stabbilizzati prezzijiet fis-suq Marokkin u jiġi priservat ċaqliq tradizzjonali ta' kummerċ, l-arranġamenti ta' koperazzjonijijiet li ġejjin għandhom japplikaw fis-settur taċ-ċereali.

